# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 793/06/1 JZM**

**L-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati sabiex jidhru għall-assenti Goran Hegedus**

**v.**

**Ir-Reġistratur tal-Qorti u Sandra Hegedus f'isimha proprju u bħala kuraturiċi '*ad litem*' tal-minuri Kresimer, Tomislav, u Alexia lkoll aħwa Hegedus għal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet mogħti fit-8 ta' Mejju, 2014, ġiet imsejħa fil-kawża Dr. Graziella Bezzina**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell prinċipali mressaq mir-rikorrenti minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni appellata"), fil-kawża fl-ismijiet

premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet imressqa mir-Reġistratur tal-Qorti, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili mressqa mill-imsejħa fil-kawża, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu li tressqu mill-istess imsejħa fil-kawża, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, u ordnat lir-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża ħlief dawk marbuta mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, liema spejjeż kellha tħallashom l-imsejħa fil-kawża;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, il-Kuraturi Deputati atturi talbu r-ritassa ta' taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji maħruġa fil-15 ta' Ġunju, 2006, dwar kawża (Ċit. Nru. 1041/2003RCP) fl-ismijiet "***Sandra Hegedus pro et noe v. Dott. Renzo Porsella Flores et noe***" maqtugħa fit-30 ta' Novembru, 2005. Itennu li l-ammont intaxxat bħala dritt dovut lilhom ma jirriflettix il-valur likwidat skont kif titlob il-liġi, u għaldaqstant iridu li t-taxxa ġudizzjarja tiġi mħassra u minflokha tinħadem taxxa oħra kif imiss;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa, id-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali laqa' billi qal li l-azzjoni mhix indirizzata kontra kull minn għandu interess fit-taxxa skont il-liġi. Fil-mertu tenna li t-taxxa nħadmet kif kien imiss, u li m'għandux ibati spejjeż f'każ li l-Qorti tasal li tordna li t-taxxa tinħadem mill-ġdid;

4. Illi fit-Tweġiba tagħha, l-imsejħa fil-kawża tiċħad it-talbiet attriċi u tgħid li t-taxxa nħadmet sewwa u għandha tiġi konfermata. Tgħid li mhix f'qagħda li tivverifika x-xiljiet attriċi u għaldaqstant titlob li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Aktar 'il quddiem, qajmet l-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-mogħdija taż-żmien li fiha setgħu jressqu l-azzjoni ta' ritassa, kif jitlob l-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

5. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"**II. <u>Sintesi tal-provi</u>***

*"**<u>Emanuel Scriha</u> – Direttur Qrati Civili u Tribunali –** xehed illi huwa ha vizjoni ta` l-kalkoli li saru biex tinhadem it-taxxa. Ipprezenta d-dokument fejn hemm id-dettalji tat-tassazzjoni. Xehed illi meta jissemmew flus jew assi ohra waqt il-gbir tal-provi, id-dritt ma jinhadimx fuq il-figuri li jissemmew. Fil-kaz tal-lum it-taxxa nhadmet fuq punt ta` dritt mhux ad valorem. Jirrizulta nfatti li d-Deputat Registratur Cora Azzopardi ma kellhiex valur stabbilit; ghalhekk kitbet lill-partijiet u/jew l-avukati taghhom izda ma kellhiex twegiba. Billi twegiba ma kienx hemm, it-taxxa inhadmet abbazi ta` punt ta` dritt. Sar hekk anke ghaliex skond it-tariffa li taghmel parti mill-Kap 12 jekk il-valur ma jkunx cert jew ikun likwidu, il-kawza ghandha tigi ntaxxata fuq punt ta` dritt, u normalment jizdied ammont bhala penali fir-registru. Anke d-dritt tal-avukat jinhadem fuq punt ta` dritt. Skond ix-xhud, fil-kaz in ezami, il-valur ma kienx car billi rrizultaw hwejjeg li taghhom ma kienx irrizulta valur.*

*"Fil-**<u>kontroezami</u>**, id-Direttur spjega fil-kaz in kwistjoni kien hemm il-valur tad-dar biss. Ma kienx hemm il-valur tal-karozzi li kienu assenjati skond is-sentenza. Ma setghetx issir taxxa fuq dawk il-valuri biss li b`xi mod kienu jirrizultaw, ghaliex ir-Registru kien isib ruhu rinfaccjat b`azzjoni ta` ritassa fuq il-valuri l-ohra mhux likwidati. Fil-kaz li anke parti wahda twiegeb ghall-ittra, u wahedha tindika valur, il-prassi hija li terga` tintbaghat ittra lill-parti jew partijiet li ma jkunux wiegbu sabiex tinghata l-opportunita` li tirreagixxi ghall-valur li jkun gie indikat mill-parti li tkun wiegbet. Jekk anke f`dan il-kaz, jerga` ma jkunx hemm risposta, allura t-taxxa tinhadem fuq il-valur li jkun indikat mill-parti li tkun wiegbet. Sostna li fil-kawza tal-lum ma wiegeb hadd u ghaldaqstant inhadmet it-taxxa fuq punt ta` dritt.*

*"Sar **riezami** tax-xhud. Stqarr ix-xhud illi meta issir it-taxxa, trid tigi komputata fuq l-oghla valur bejn l-attiv u l-passiv; infatti ma jsirx l-ghadd tat-tnejn. Fl-atti tal-kawza de qua, l-unika fatt li rrizulta kien konvenju li jghid li d-dar kienet tiswa` Lm 100,000, u kien dikjarat dejn ta` Lm 50,000. Fil-kaz parti biss kien hemm determinata. Ladarba taxxa tohrog fuq valur determinat totali mhux parzjali, it-taxxa kellha tinhadem fuq punt ta` dritt. Mistoqsi jafx li a fol 188 tal-atti tal-kawza de qua, irrizulta li l-attrici kienet sostniet dwar il-karozzi li wahda minnhom inghatat lura lill-venditur, ohra giet scrapped, u l-ohra ma tafx x`sar minnha, ix-xhud baqa` jinsisti li skond is-sentenza dawk il-karozzi gew assenjati, u ghalhekk kien hemm bzonn tal-valur taghhom.*

*"**Cora Azzopardi – Deputat Registratur –** xehdet li hija kienet il-persuna li ntaxxat il-kawza in kwistjoni. It-taxxa kienet ibbazata fuq punt ta` dritt biss. Taf li fl-atti tal-kawza de qua kien hemm konvenju a fol 170 li permezz tieghu l-attrici kienet obbligat ruhha li tbiegh id-dar taz-zwieg ghall-prezz ta` Lm 100,000. Taf ukoll li kien hemm nota fejn il-konvenuti nomine kienu ghamlu riferenza ghal dan il-konvenju. Cio` nonostante l-istruzzjonijiet li dejjem kellha kienu fis-sens li meta ma jkunx hemm valur shih kjarament determinat, tintbaghat ittra, li kopja taghha tinsab fuq wara tal-process, fejn l-avukati u l-partijiet jigu nfurmati li jonqos valur. Fil-kaz tal-lum, l-ittra intbaghtet lill-partijiet koncernati. Fis-sentenza kien riferenza ghal assi u djun. Fl-ittra li ntbaghtet kien hemm terminu. Billi ma dahlet l-ebda nota mill-partijiet li tindika valur, it-taxxa nhadmet fuq punt ta` dritt kif kien dikjarat fl-ittra. Qalet illi d-djun kienu kbar izda ma kellhomx valur determinat.*

*"Fil-**kontroezami**, Cora Azzopardi xehdet illi ma rrizultax valur car peress illi mhux il-valur biss tad-dar kellu jirrizulta izda maghha kellhom jitqiesu assi ohra li ma kellhomx valur; dan apparti l-kwistjoni tad-djun. Inoltre fis-sentenza stess ma kienx indikat ammont li fuqu setghet tinhadem it-taxxa. Ipprecizat illi fl-ittra nghata zmien ta` hmistax-il gurnata lill-partijiet. Min-naha taghha, hija halliet xahar. Meta ghadda anke x-xahar u baqa` ma sar xejn ghamlet it-taxxa fuq punt ta` dritt. Kif issemmew id-djun dawn ma kienux cari stante li mhux kollox kien indikat; per konsegwenza ma setghetx tohrog valur matematikament. Ghalkemm irrizulta li kien hemm overdraft ta` madwar Lm 46,000 kien hemm ukoll djun ohra li ma kienux kwantifikati.*

*"**III. Dezerzjoni***

*"Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, sar l-argument illi r-rikors kien prezentat fl-2006 izda n-notifiki saru fl-2014. Ghalhekk issemmiet id-dezerzjoni skond l-**Art 963 tal-Kap 12**.*

*"L-Art 963 tal-Kap 12 hija disposizzjoni ta` ordni pubblika hekk kif irriteniet din il-Qorti fil-provvediment taghha tal-5 ta` Jannar 2015 fil-kawza "**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon noe vs Car One Europe Limited et**"*

*"Ghalhekk ghalkemm hadd mill-intimati ma pprezenta eccezzjoni ad hoc, kwistjoni ta` dezerzjoni hija sollevabbli anke mill-Qorti stess ex officio (ara s-sentenza ta` din il-Qorti – **PA/FS** – tal-21 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**Scerri Montaldo pro et noe vs Kuraturi Deputati**")*

*"Is-sanzjoni tad-dezerzjoni hija radikali hafna. Fis-sentenza taghha tal-15 ta` April 2013 fil-kawza "**Zammit noe vs Almeco Limited**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-*

> *"Illi l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrativi tal-Qorti ( Ara P.A. GCD 5.11.1999 fil-kawza fl-ismijiet Dr. T. Azzopardi vs V. Aquilina et …*
>
> *"Illi l-Qorti tifhem ukoll li s-sanzjoni tad-dezerzjoni hija wahda radikali tal-process u trid tithaddem biss u safejn ikunu jghoddu c-cirkostanzi li tahtha jmisshom japplikaw."*

*"L-**Art 963 tal-Kap 12** jaqra :-*

> *"(1) … il-procedura bil-miktub, f `kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta` sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta` appell, fiz-zmien perentorju ta` sena.*
>
> *"(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, u, fil-qorti fi grad ta` appell, minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors tal-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*
>
> *"(3) Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f`kawza m`humiex maghluqa, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista` jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f `xi nuqqas ta` notifika jew minhabba f`xi nuqqas ta` twettiq ta` xi procedura jew formalità.*
>
> *"(3A) Id-dezerzjoni ta` kawza ghandha tigi dikjarata b`digriet moghti fil-qorti bil-miftuh jekk, wara li jkunu nghataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu ma jinghalqux.*
>
> *"(4) B`dak kollu li hu migjub fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub ghandhom jitqiesu maghluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx giet innotifikata b`att mehtieg ghall-eghluq tal-process, tidher waqt is-smigh tal-kawza u ma taghtix l-eccezzjoni li lproceduri bil-miktub ma gewx maghluqa u tghaddi jew xjentement thalli lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taghti dik leccezzjoni.*
>
> *"(5) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawza, li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa, minkejja lordnijiet moghtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiz-zmien hawn fuq imsemmi:*

*“(a) meta l-kawza tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq illista ta` kawzi ghas-smigh u li sussegwentement b`ordni tal-qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 ghandhom ikunu japplikaw ghaliha ; u*

*“(b) meta l-kawza tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din ghandha titqies bhala kawza dezerta.*

*“(6) Bid-dezerzjoni ta` kawza fil-qorti tal-ewwel grad ilprocediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta` appell, bid-dezerzjoni jispicca l-appell, u ssentenza appellata ssir gudikat.*

*“Dan tal-lum huwa procediment ghal ritassa, mhux procediment istitwit b`rikors guramentat.*

*“Il-Qorti tinnota li ghad illi r-rikorrenti ntavolaw il-proceduri odjerni fl-2006, kien biss fil-21 ta` Marzu 2014 li giet notifikata Sandra Hegdegus li baqghet kontumaci.*

*“Issa fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali kien rilevat illi hemm lok ghad-dezerzjoni skond l-Art 963 tal-Kap 12 minhabba t-trapass tas-sitt xhur.*

*“Il-Qorti tinnota li skond l-Art 963(2) tal-Kap 12, fl-istadju tal-ewwel grad, “iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-**rikors guramentat**”. (enfasi u sottolinear tal-qorti).*

*“Fid-decizjoni li tat fit-12 ta` Jannar 2014 fil-kawza “**Citadel Insurance p.l.c. vs Mizzi**”, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (**FD**) qalet illi meta l-legislatur kien qieghed jipprovdi ghal dezerzjoni tal-kawzi, huwa kien qieghed jirreferi ghal dawk il-kawzi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienu jinbdew b`citazzjoni, u wara l-emendi tal-2005, bir-rikors guramentat. Ghalhekk id-dezerzjoni kontemplata bl-Art 963 tal-Kap 12 ma tghoddx ghal kawzi istitwiti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

***“Din il-Qorti tikkondividi din il-linja ta` hsieb, u teskludi li fi procediment ta` x-xorta ta` dak tal-lum, tista` tigi sollevata d-dezerzjoni, billi l-Art 963 tal-Kap 12 mhuwiex applikabbli ghal dan l-ghamla ta` procediment.***

***“IV. Preskrizzjoni***

*“Fir-risposta ulterjuri taghha, l-Av. Dr. Graziella Bezzina tat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-**Art 2149(c) tal-Kap 16**.*

*“Id-disposizzjoni taqra hekk :-*

*“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn … (c) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu.*

*"Il-procediment tal-lum ma jinkwardax ruhu fl-ambitu ta` din id-disposizzjoni stante li din tal-lum mhijiex kawza fejn qed jintalab hlas, izda hija kawza ghal ritassa. Mhuwiex dan tal-lum kaz fejn avukat jew prokuratur legali qed jitlob il-hlas tad-drittijiet tieghu u/jew tal-ispejjez li jkun ghamel.*

*"**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2149(c) tal-Kap 16.***

*"**V. <u>Mertu</u>***

*"Fis-sentenza li tat fit-18 ta` Frar 2010 fil-kawza "**<u>Gatt et Libreri et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) irrilevat hekk :-*

> *"... Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti ta` dritt marbutin mal-kaz, jibda biex jinghad li l-hsieb wara dispozizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta huwa dak li jirregola wahda mill-funzjonijiet ewlenin tal-ufficjali ezekuttivi tal-Qorti u li jhares il-jeddijiet ta` min jintlaqat hazin b`dawk il-funzjonijiet. Fil-kaz mahsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-hrug ta` taxxi ta` spejjez u drittijiet gudizzjarji li, f`ghajnejn il-ligi, jikkostitwixxu titolu ezekuttiv. Minhabba li l-hruġ ta` dawk it-taxxi jikkonsisti f`ghamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll certu gudizzju jew diskrezzjoni tar-Registratur, huwa xieraq li jinghata r-rimedju lil min ihoss li dak il-gudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss ;*
>
> *"Illi huwa f`dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raguni biex wiehed jattakka l-hrug ta` taxxa trid tkun wahda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta` qbil tal-persuna milquta. Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi taghti zmien perentorju ta` xahar li fih taxxa bhal dik tista` tkun attakkata. Bhalma jigri fil-kaz ta` sentenzi tal-qrati jew titoli ezekuttivi ohrajn, huwa mehtieg li tinholoq ic-certezza u li tali certezza ma tkunx tiddependi mill-kapricc fieragh tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta` zmien li jaf ikun ta` hsara akbar, l-aktar meta wiehed ikun irid jezegwixxi titolu bhal dak;*
>
> *"Illi ghalhekk, il-procedura mahsuba biex wiehed jattakka taxxa gudizzjarja ghandha titqies bhala wahda specjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm ic-cirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Registratur jerga` jwettaq sewwa l-funzjoni tieghu.*
>
> *"Ghall-kuntrarju ta` sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjez ġudizzjarji m`hijiex att tal-Qorti, imma att tar- Registratur. Bhala tali, l-azzjoni mahsuba biex tattakka taxxa bhal dik tista` titqies bhala wahda ta` stharrig gudizzjarju fejn il-Qorti tgharbel il-kriterji mhaddma mir-Registratur u tqishom fid-dawl tal-ligi fis-sehh bla ma tghaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa ghalhekk li f`kaz fejn parti jsehhilha turi ragunijiet tajba biex twaqqa` taxxa gudizzjarja mahruga mir-Registratur, il-Qorti taghti ordni lill-istess Registratur biex jaghmel dik it-taxxa mill-gdid …"*

*"Il-vertenza tal-lum hija dwar jekk bil-valuri li kienu ndikati fl-atti tal-kawza Sandra Hegedus pro et noe vs Dr Renzo Porsella Flores et noe (Citaz Nru 1041/03 RCP) deciza fit-30 ta` Novembru 2005 kienx hemm lok illi t-taxxa tinhadem fuq dawk il-valur inkella fuq punt ta` dritt.*

*"Minn ezami tal-atti tal-kawza fuq riferita, jirrizulta li kien hemm konvenju b`valur indikat fl-ammont ta` Lm 100,000. Kien hemm ukoll indikati xi ammonti ta` djun li kienu dovuti. Ma rrizultax li kien hemm indikat l-valur tal-karozzi li skond is-sentenza kienu assenjati lill-konvenut.*

*"Il-Qorti tara li ghalkemm irrizultaw xi valuri, irrizulta wkoll dubju dwar l-assjem u dwar il-valuri kollha b`mod shih.*

*"Kien ghalhekk li d-Deputat Registratur ghamlet sewwa li baghtet l-ittra fejn talbet il-valur, u fin-nuqqas ta` tali indikazzjoni mill-partijiet, tahdem it-taxxa fuq punt ta` dritt.*

*"Intant fl-istanza tal-lum hadd mill-partijiet u/jew difensuri interessanti ma gab l-iskuzanti li ma kienx ircieva l-ittra tad-Deputat Registratur.*

*"Ikkostatat dan irrizulta li hadd mill-interessati ma wiegeb lid-Deputat Registratur billi ndika l-valur li talbet. Fl-assenza ta` indikazzjoni mill-interessati, id-Deputat Registratur hadmet it-taxxa kif tghid il-ligi li kellha taghmel f`kazi ta` din ix-xorta. Il-fatt li ntbaghtet l-ittra b` talba ghal valur hija fiha nfisha prova li d-Deputat Registratur ma kellhiex fil-pussess taghha taghha. L-interessati nkluz ir-rikorrenti setghu jikkjarifikaw il-posizzjoni taghhom izda ma ghamlu xejn. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux bl-istanza tal-lum jispostaw l-inadempjenza taghhom fuq ir-Registratur tal-Qrati abbazi tal-pretest li dan ma tax kaz li fl-atti kienu jirrizultaw valuri li seta` qaghad fuqhom, u li fuq dawk seta` hareg it-taxxa, minflok mar ghal taxxa fuq punt ta` dritt. Lanqas ma huwa argument fondat li r-rikorrenti jsostnu li huma bhala kuraturi ma kinux fil-posizzjoni li jaghtu valur. Ir-rikorrenti kellhom il-fakolta` li l-argumenti kollha li gabu fl-istanza tal-lum iressquhom fit-terminu indikat fl-ittra tad-Deputat Registratur; izda dan ma sarx. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi t-taxxa in kwistjoni inhadmet tajjeb u kif trid il-ligi, ma hemmx lok ghar-revizjoni taghha, u ghalhekk l-istanza tar-rikorrenti qeghda tkun respinta.*";

6. Illi l-Kuraturi Deputati (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ħassewhom aggravati mill-imsemmija deċiżjoni u b'Rikors tal-Appell imressaq fis-16 ta' Lulju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tvarjaha billi, filwaqt li tikkonferma ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-

preskrizzjoni mressqa mill-imsejħa fil-kawża, tħassarha fil-kumplament u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti;

7. Illi minkejja li laqa' n-notifika tal-att, l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma ressaq ebda kontestazzjoni għall-appell tar-rikorrenti appellanti;

8. Illi permezz ta' Tweġiba tal-14 ta' Awwissu, 2015, l-imsejħa fil-kawża laqgħet billi qalet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi konfermata u l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellanti;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-attur appellant;

11. Rat li waqt is-smigħ tat-2 ta' Frar, 2021, il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

12. Illi din hija azzjoni għal ritassa skont ma jipprovdi l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti qegħdin jitolbu li titħassar it-

taxxa ġudizzjarja tad-drittijiet ta' kawża fejn ir-Reġistratur intaxxa l-istess drittijiet fuq il-bażi ta' punt ta' liġi u mhux fuq bażi "*ad valorem*". L-ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet imressqa mir-Reġistratur tal-Qorti, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili mressqa mill-imsejħa fil-kawża, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu li tressqu mill-istess imsejħa fil-kawża u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti;

13. Illi **l-aggravju** mqajjem mill-appellanti mid-deċiżjoni appellata huwa wieħed, u jiġifieri li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi billi t-taxxa nħadmet fuq "punt ta' liġi" meta kellha tinħadem fuq il-valur tal-proprjetà mertu ta' l-istess proċeduri. Itennu li l-ammont jirriżulta b'mod ċar mill-atti, għaldaqstant ma kienx hemm il-ħtieġa li tintbagħat ebda ittra lill-partijiet u lill-avukati biex jiġi dikjarat valur biex ir-Registratur seta' jimxi fuqu. Jgħidu wkoll li ladarba mill-atti rriżulta li kien hemm kemm attiv kif ukoll passiv, it-taxxa ġudizzjarja kellha tinħadem fuq l-ammont li jkun l-akbar fosthom[1]. Itennu li d-distakk bejn il-passiv u l-attiv tant kien kbir li ma kienx hemm dubju dwar liema valur kien l-ogħla;

14. Illi l-imsejħa fil-kawża tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb fil-ġudizzju tagħha. Tgħid li f'ċirkustanzi fejn l-azzjoni ma tkunx dwar ħlas ta' ammont determinat, u mill-atti ma jirriżultax valur

[1] Par 16 tat-Tariffa E ta' Skeda "A" tal-Kap 12

ċert, f'nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar liema hu l-valur li fuqhu għandha tinħadem taxxa ġudizzjarja, it-taxxa għandha tinħadem fuq punt ta' liġi. Ittenni li f'dan il-każ, il-valur ma kienx wieħed ċert;

15. Illi minn dak li ħareġ mill-atti ta' din il-kawża, jidher li r-Reġistratur qies in-natura nnifisha tal-azzjoni miftuħa mill-appellanti quddiem il-Qorti fil-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa bħala kawża ta' valur li baqa' mhux ċert jew mhux "sħiħ"[2]. L-appellanti jgħidu li r-Reġistratur messu ħadem l-Ewwel Skeda, Tariffa E, Parag. 20, 14 u 13 tal-Kodiċi tal-Proċedura[3];

16. Illi huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni[4];

17. Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni "*ad valorem*" tissejjes fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew

---

[2] Ara x-xhieda ta' Emanuel Sciriha f'paġ. 48 tal-proċess u ta' Cora Azzopardi f'paġ. 59 tal-proċess
[3] Premessa 5 tar-Rikors mertu tal-kawża
[4] P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et v. Micallef et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.424**)

għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan[5]. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni;

18. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li fi proċeduri ta' firda personali, il-fond matrimonjali ngħata lill-parti flimkien mad-dejn li kellu fuqu, filwaqt li lill-parti l-oħra ġew assenjati numru ta' vetturi kif ukoll djun marbuta ma' faċilità bankarja ("*overdraft*") u servizzi mogħtija lid-dar matrimonjali[6]. Bħala valuri, jirriżultaw li l-fond kellu valur ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000)[7] u fuqu kien hemm dejn ma' bank fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, seba' mija tnejn u sebgħin lira Maltin, u disgħin ċenteżmu (Lm46,772.90)[8]. Il-vetturi, għalkemm ġew assenjati bis-saħħa tas-sentenza, ma jidhirx li kellhom valur għal numru ta' raġunijiet li jissemmew fil-proċess[9]. Min-naħa l-oħra, id-dejn fuq l-*overdraft* u dawk marbuta mas-servizzi ma kellhomx valur fiss[10];

19. Illi dak li qed jiġi kontestat quddiem il-Qorti huwa d-diskrezzjoni li ġiet użata mir-Reġistratur tal-Qorti meta ħadem it-taxxa ġudizzjarja abbażi ta' punt ta' liġi flok fuq il-valur. Azzjoni ta' din l-għamla għandha min-natura ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Ir-Reġistratur li jkun ħareġ it-taxxa ġudizzjarja attakkata jrid juri li wettaq l-għemil tiegħu b'ħarsien

[5] Ara, per eżempju, P.A. **22.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Grech et v. Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.811**)
[6] Paġ. 16 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda ta' Cora Azzopardi f'paġ. 58 tal-proċess
[8] Paġ. 15 tal-proċess
[9] Ara trattazzjoni bil-fomm f'paġ. 79 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Cora Azzopardi f'paġ. 59 tal-proċess

tal-liġi u bi tħaddim tajjeb tad-diskrezzjoni mogħtija lilu. F'dan il-każ, ir-Reġistratur jisħaq li ħadem id-diskrezzjoni tiegħu sewwa. Huwa fisser x'kienet il-prattika segwita minnu f'dan il-każ. Itenni li l-fatt li kien hemm djun li ma kellhomx valur fiss wassluh biex kellu jibgħat ittra lill-partijiet[11] biex jaqblu bejniethom u jiddikjaraw valur. Ladarba ħadd mill-partijiet ma wieġeb, għadda biex ħadem it-taxxa fuq punt ta' liġi. L-appellanti, min-naħa l-oħra, jgħidu li l-parti li messha d-dar intrabtet fuq konvenju biex tbiegħha għal valur ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000). Dan il-valur huwa deċiżiv, determinat, joħroġ mill-atti proċesswali u mhux ammont żgħir. Itennu li dik is-somma taqbeż sewwa kull dejn li seta' hemm pendenti fil-ġid tal-komunjoni ta' bejn il-partijiet, u kien ammont li ma kellu bżonn l-ebda nota mill-partijiet biex ir-Reġistratur appellat seta' mexa fuqu biex ħadem taxxa kif imiss;

20. Illi t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata "*ad valorem*" jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi **jew mill-proċess**"[12] (enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, jew mis-sentenza imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti[13];

[11] Dok. "CA1" u "CA2" f'paġġ. 67 u 68 tal-proċess
[12] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12
[13] Ara P.A. DS **25.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Leslie Grech v. Frank Abela et*** (mhix appellata) u r-riferenzi siewja li jissemmew fiha f'dan ir-rigward

21. Illi jekk jitħaddmu dawn il-prinċipji għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, din il-Qorti tasal għall-fehma li r-Reġistratur tal-Qorti ma kellux għalfejn joqgħod fuq il-valur li jagħtu l-partijiet meta mill-atti (mill-konvenju) seta' jirriżultalu valur ċert u determinabbli għall-finijiet ta' tassazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ma għarbletx sewwa ċ-ċirkostanzi tal-każ li kellha quddiemha u tat qies bla bżonn għall-ittra li ntbgħatet mir-Reġistratur lill-partijiet li baqgħu ma wieġbux. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-aggravju tal-appellanti għandu mis-sewwa u għaldaqstant sejjer jintlaqa';

22. Illi dwar l-argument li qajmet l-appellata msejħa fil-kawża li r-rikors tal-appell huwa null minħabba li mhux ippreżentat u ffirmat mill-istess Prokuratur Legali maħtur bħala kuratur fl-atti tal-kawża Rik. Nru, 1041/2003, il-Qorti tqis li r-Rikors tressaq mill-partijiet fil-kawża, jiġifieri l-Avukat Renzo Porsella Flores kif ukoll il-Prokuratur Legali Victor Buġeja. Tqis li l-firma ta' Liliana Buhagiar tidher biss fil-kwalità tagħha ta' Prokuratur Legali fuq l-att ġudizzjarju u mhux bħala parti fil-kawża. Il-fatt li r-Rikors tal-Appell ġie ffirmat minn Prokuratur Legali li mhix l-istess Prokuratur Legali li kienet parti fil-kawża l-oħra, ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tar-Rikors li bih inbdiet din il-proċedura. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex se tilqa' din il-preġudizzjali proċedurali;

23. Illi fl-aħħarnet, dwar l-eċċezzjoni marbuta mad-deżerzjoni tar-rikors promotur imqajma wkoll mill-appellata msejħa fil-kawża, il-Qorti mhix

sejra tqis dan l-argument ladarba l-ebda parti ma qajmet din il-kwistjoni fis-sura ta' appell jew appell inċidentali, u għalhekk il-kwistjoni tikkostitwixxi ġudikat;

***Deċide:***

24. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**tilqa' l-appell** tar-rikorrenti mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u, filwaqt li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, tirriformaha billi tħassar it-taxxa ġudizzjarja maħruġa u tordna lir-Reġistratur intimat sabiex jaħdem it-taxxa mill-gdid skont il-valur; u

**tordna** li l-istess Reġistratur iħallas l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm